**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM 11 TA' MARZU, 2020**

**Rik. Gur. 914/2019 RGM**

**Chadborn Holdings Ltd numru ta' registrazzjoni 154321, socjeta estera registrata gewwa British Virgin Islands, bl-indirizz Akara Building, 24, De Castro Street, Wickhams Cay 1, Road Town, Tortola Bristish Virgin Islands debitament rapprezentata minn Antonios Stampolidis, detentur tal-karta tal-identita' Griega enumerat 299330 direttur ta' l-istess socjeta' estera**

**Vs.**

**`1. Tipico Co Ltd (C 34286)**

**u**

**2. Oliver Voigt (Passaport Germaniz enumerat C4VNKN88N)**

## Il-Qorti:

Rat ir-**rikors tas-soċjeta' attriċi Chadborn Holdings Ltd** preżentat fis-6 ta' Diċembru 2019 li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm premessi, talbet lill-Qorti tawtorizza korrezzjoni fl-isem tas-soċjeta' attriċi fis-sens illi l-isem jibqa' l-

istess filwaqt illi l-konnotati jidbiddlu minn soċjeta reġistrata fil-British Virgin Islands għal dawk ta' soċjeta' bl-istess isem iżda li tinsab reġistrata fis-Seychelles.

Rat ir-**risposta tal-konvenut Oliver Voigt tat-28 ta' Jannar 2020** li permezz tagħha għar-raġunijiet hemm mogħtija qed jopponi għal din it-talba.

Rat ir-**risposta tas-soċjeta' konvenuta Tipico Co. Ltd. tas-7 ta' Frar 2020** li permezz tagħha għar-raġunijiet hemm mogħtija qed topponi għar-rikors in dizamina.

Semgħat lill-Avukati tal-partijiet fl-udjenza tal-4 ta' Marzu 2020 jagħmlu sottomissjonijiet fir-rigward ta' din it-talba.

Rat l-atti.

Ikkonsidrat.

Ir-rikorrenti tikkontendi illi t-talba qed issir peress illi erronjament fl-att promotur tal-kawża il-konnotati tas-soċjeta' attriċi ingħataw ħażin fis-sens illi filwaqt li l-isem huwa tajjeb il-konnotati imniżżla huma ta' soċjeta' oħra bl-istess isem f'ġurisdizzjoni oħra minn dik indikata. Tgħid ir-rikorrenti illi s-soċjeta' attriċi kellha tkun soċjeta' bl-istess isem reġistrata fis-Seychells u mhux kif tniżżel reġistrata fil-British Virgin Islands. Tissottometti illi dan kien riżultat ta' żball li huwa rimedjabbli bis-saħħa tal-Artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Maltau ssostni illi l-korrezzjoni mitluba ma hiex ser tbiddel is-sustanza tal-azzjoni u ma hi ta' l-ebda preġudizzju għall-konvenuti.

Min-naħa tiegħu il-konvenut Oliver Voigt qed jopponi għal din it-talba fl-ewwel lok għaliex jikkontendi li r-rikors li qed jitlob il-korrezzjoni de quo huwa monk għaliex ippreżentat minn kumpanija ineżistenti stante li dik li kienet reġistrata fil-BVI m'għadix teżisti u li allura Antonios Stampolidis ma jista' qatt jirrapreżenta entita' li ma teżistix Jikkontendi illi l-liġi ma tippermettix li tintalab sostituzzjoni tal-persuna li ntavolat il-kawża u li dan ma kienx sempliċi żball tal-

pinna. Jissottometti illi s-soċjeta' fil-BVI verament kienet għamlet żmien teżisti u li kellha wkoll relazzjoni mal-kumpanija konvenuta Tipico Co. Ltd. Isostni illi l-allegazzjoni li t-talba qed issir minħabba żball m'għandiex mill-verita' peress li mal-affidavit tiegħu Stampoidis ippreżenta dokumenti li jirreferu għas-soċjeta' reġistrata fil-BVI u mhux fis-Seychelles. Jirreferi wkoll għal kawża oħra pendenti fil-ġurisdizzjoni nostrana preżentata mis-soċjeta' reġistrata fis-Seychelles u għalhekk isostni li l-kawża l-oħra hi konferma li l-intenzjoni ta' Antonios Stampolidis fil-kawża odjerna kienet li jistitwixxi kawża f'isem soċjeta reġistrata fil-BVI u mhux f'isem soċjeta' bl-istess isem iżda reġistrata fis-Seychelles.

Min-naħa tagħha s-soċjeta' konvenuta Tipico Co Ltd tikkontendi li t-talba in dizamina ma hiex sempliċement korrezzjoni fl-isem ta' parti jew bidla fid-denominazzjoni tas-soċjeta attriċi iżda tneħħija ta' parti (Chadborn BVI), kumpanija llum estinta, u l-inserzjoni ta' kumpanija oħra bħala attriċi (Chadborn Seychelles). Tikontendi li tali talba minn soċjeta' estinta lanqas biss tista' ssir u li t-talba ma hiex permissibbli tenut kont li jekk tintlaqa' tkun tfisser tibdil fis-sustanza tal-azzjoni jew l-eċċezzjonijiet fuq il-mertu tal-kawża. Tissottometti wkoll li Stampolidis ma setgħax jirrapreżenta kumpanija li ma teżistix.

Ikkonsidrat;

**Artikolu 175 (1) tal-Kap. 12** jipprovdi kif ġej:-

> 175. (1) Il-qorti tista’, f’kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, wara talba ta’ waħda mill-partijiet, wara li tisma’ meta jeħtieġ lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta’ xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jiżdied jew jitneħħa l-isem ta’ waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor floku, jew billi jissewwa żball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull żball ieħor jew billi jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta’ fatt jew ta’ dritt ukoll permezz ta’ nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża.

Dak li hu rilevanti għar-rikors in dizamina huwa "...billi fihom jiżdied jew jitneħħa l-isem ta’ waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor floku..".

Qari ta' dan l-artikolu jagħmilha ċara li huwa mogħti lill-Qorti s-setgħa li wara li ssirilha talba minn xi waħda mill-partijiet torda li jiġi sostitwit isem ta' xi ħadd mill-partijiet dejjem sakemm tali sostituzzjoni ma tbiddilx "fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża.

Jiġi osservat illi permezz tal-ewwel talba attriċi fir-rikors ġuramentat promotur tal-azzjoni qed jintalab illi l-Qorti tiddikjara li l-kunsens ta' Antonios Stampolidis għan-nom ta' Chadborn Holdings għal kuntratt li ġie ffirmat fl-10 ta' Frar 2013 ġie meħud bi vjolenza, qerq u għemil doluż. Fil-ħames premessa tar-rikors ġuramentat jingħad illi kopja tal-kuntratt tal-10 ta' Frar 2013 huwa anness mar-rikors ġuramentat u markat Dok. A. Jekk wieħed jeżamina l-kopja tal-kuntratt ezebit bħala Dok A (fol. 6 bi traduzzjoni a fol. 41 ) isib illi d-dokument anness u li allura huwa preżunt li hu l-kuntratt mertu tal-kawża, huwa datat mhux 10 ta' Frar 2013 iżda 4 ta' Marzu 2013 filwaqt li l-partijiet fuq dak il-kuntratt huma Chadborn Holdings reġistrata fis-Seychelles u mhux Chadborn Holdings reġistrata fil-British Virgin Islands. Difatti ż-żewġ konvenuti fir-risposti ġuramentati rispettivi tagħhom iressqu eċċezzjonijiet referibbli għall-kuntratt ma' Chadborn reġistrata fis-Seychelles.

Il-konvenuti jissottomettu illi mhux mogħti lill-Qorti s-setgħa li tbiddel isem l-attur. Fil-fehma tal-Qorti tali sottomissjoni ma hiex fondata. Il-liġi ma tagħmilx tali limitazzjoni. Għall-kuntrarju tagħmilha ċara illi tali tibdil fl-isem jista' jkun ta 'kull parti, sew jekk inhu attur u sew jekk inhu konvenut.

In tema legali ssir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Marzu 2007 fl-ismijiet "**Joseph M. Vella u l-kumpannija J.M. Limited v. Vella Brothers Limited, Saviour Vella, George Vella, Paul Vella, Alfred Vella, Sebastian Vella u Nazzareno Vella, kif ukoll Express Trailers Limited ghal kull interess li jista’ jkollhom**" fejn ikkonfermat digriet mogħti mill-Prim' Istanza li permezz tiegħu kien ġie ordnat iż-żieda ta' attur. Jingħad hekk-

"11.1 Din il-Qorti, kif diversament presjeduta, diga` kellha l-opportunita` tispjega illi l-Artikolu 175 tal-Kap. 12 ghandu l-iskop li jissalvagwardja l-validita` ta' l-atti gudizzjarji u b'hekk iwarrab il-possibilita` ta' multiplikazzjoni ta' proceduri minhabba dikjarazzjoni ta' nullita` ta' dawk l-atti. Jidher ukoll li, b'dan l-artikolu, il-legislatur ta poteri wiesghin hafna lill-Qrati billi l-artikolu jikkontempla kull tip ta' tibdil jew sostituzzjoni fl-atti. Din id-diskrezzjoni, inoltre tista' tigi ezercitata minghajr il-htiega li tinstema' l-parti kuntrarja jekk il-Qorti thoss li tali intervent ma jkunx la mehtieg u lanqas necessarju. L-unika kwalifika li jimponi l-artikolu citat hija dik li kull 'sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza" (**Salem Nuri Razzewi v. il-P.L. M. Mifsud Bonnici,** deciza fis-27 ta' Frar 2004, Citazzjoni Nru. 55/89). F'kelma wahda l-Qorti tista' u ghandha tawtorizza korrezzjonijiet meta dawn ma jippregudikawx id-drittijiet tal-kontendenti. Gie infatti deciz fid-digriet moghti fil-kawza fl-ismijiet **D. Zerafa et v. Carmelo Buhagiar et,** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, fl-14 ta' Lulju, 2000 illi l-provvedimenti ta' l-artikolu in kwistjoni ghandhom jinghataw, fejn hu possibbli, interpretazzjoni wiesa' u fejn hu opportun u permess mil-ligi ghandhom jigu dejjem awtorizzati anke korrezzjonijiet fl-okkju.

11.2 Din id-disposizzjoni tal-ligi giet introdotta bl-Att XXIX tal-1995 (li ssostitwixxa d-disposizzjoni precedenti) b'mod li issa l-korrezzjonijiet li jistghu jsiru huma hafna aktar ampji minn dawk permessi qabel is-sena 1995. Dan sar bl-iskop li l-ligi tigi reza aktar effikaci u mmirata lejn gustizzja sostantiva fuq il-meritu tal-kaz, minflok li tkun imxekkla minn formalizmu u rigorozita` esagerata filprocedura. In effett, il-promulgazzjoni ta' dawn l-emendi "issanaw il-posizzjoni logika li l-ligi tal-procedura hija intiza biss sabiex isservi biex jintlahaq il-grad necessarju ta' gustizzja fil-ligi sotantiva, u ghalhekk il-ligi tal-procedura hija biss ghodda biex jintlahaq tali skop, u mhux il-finalizazzjoni ta' l-istess (**Guillaumier Industries Limited v. Reginald Fava et** deciza millPrim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Ottubru, 1998).

11.3 Kif korrettement spjegat il-Qorti ta' Prim Istanza l-limiti tal-poteri wiesa' moghtija mil-legislatur lill-gudikant jinsabu senjalati mill-frazi "basta li l-ebda tibdil ma jkun biddel fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni" fuq il-meritu tal-kawza. Inoltre, kif qalet l-ewwel Qorti l-fatt li l-izball kien gie msemmi fl-eccezzjoni ma hux ta' xkiel ghal akkoljiment tat-talba ta' korrezzjoni."

Issir ukoll referenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Frar 2004 mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Emanuel Calleja vs Nazzareno sive Zaren Calleja et ,** appell minn digriet mogħti mill-Prim' Istanza li ċaħad korrezzjoni mitluba iżda li ġie revokat fl-appell fuq il-konsiderazzjonijiet segwenti:-

".......jirrizulta kjarament l-oggett tat-talba ewlenija hija wahda ta' divizjoni ta' immobbli. Evidentement dak li m'ghaddiex mill-gharbiel ta' l-ewwel Qorti kien il-fatt li "l-attur qieghed jitlob divizjoni ta' xi artijiet" u allura kien ukoll "necessarju li dik l-art tkun indikata kif suppost u b'mod inekwivokabbli". U sa hawn l-ewwel Qorti kellha ragun pero` jirrizulta wkoll li fil-mori tal-procedura, l-attur, wara li pprevalixxa ruhu mid-dizpozittiv ta' l-Artikolu 175(1) tal-Kap. 12, talab li l-att jigi korrett bl-inkluzjoni tat-taghrif kollu mehtieg ghal fini ta' indikazzjoni preciza ta' l-immobbli de quo. Minflok ma l-ewwel Qorti ghaddiet biex takkolji tali talba u b'hekk tissana l-lakuna fl-stess att, iddecidiet li tichad din it-talba maghmula mill-attur. Dan sar, tghid l-ewwel Qorti, minhabba li t-talba ghal fini ta' korrezzjoni, li kieku intlaqat, kienet tkun tammonta ghal tibdil fis-sostanza ta' l-azzjoni. Hu sewwa sew fuq dan il-punt krucjali li din il-Qorti m'hijiex qeghda taqbel ma' l-ewwel Qorti. Hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-kawza in ezami bdiet bhala wahda ta' divizjoni ta' immobbli u li kieku saret il-korrezzjoni mitluba mill-attur xorta wahda kienet tibqa' wahda tali. Fi kliem iehor fis-sostanza taghha ma jkun inbidel assolutament xejn ghajr li fejn kien hemm precizazzjonijiet ta' natura fattwali, li htegilhom jinghataw, dawn ikunu saru. ............... Li kieku kellu jirrizulta per ezempju illi bil-korrezzjoni mitluba l-azzjoni in korso kienet ser tinbidel minn wahda ta' divizjoni ghal wahda ta' danni jew ta' spoll, allura l-ewwel Qorti kien ikollha ragun li tiddeciedi kif iddecidiet, imma dan zgur ma jidhirx li huwa l-kaz. Anzi, bil-korrezzjoni mitluba, una volta li din tintlaqa', ikun ifisser li l-konvenuti appellati jkunu f'qaghda li jwiegbu sew ghal dak li qieghed jitlob li jsir l-attur appellant."

Ikkunsidrat

Din il-Qorti tikkonsidra illi bir-rikors in dizamina qed jintalab bidla fid-dettalji tar-reġistrazzjoni ta' kumpanija bl-istess isem, liema bidla tirrifletti id-dettalji tal-kumpanija li tinsab parti fil-kuntratt li kopja tiegħu hija annessa mar-rikors promotur. Ma ntalbux bidliet oħra permezz tar-rikors de quo. Fuq il-kuntratt anness mar-rikors promotur hemm kumpanija reġistrata fis-Seychelles u mhux fil-British Virgin Islands. It-talbiet baqgħu l-istess: rexxissjoni ta' żewġ kuntratti datati 10 ta' Frar 2013 u 4 ta' Marzu 2013.

Dwar l-objezzjoni tal-konvenuti illi r-rikors għal korrezzjoni ma setgħax isir minn soċjeta' li ma teżistiex il-Qorti tqis illi għall-finijiet proċedurali ir-rikors ma fih xejn irritwali stante li huwa preżentat minn Antonios Stampolidis għan-nom tas-soċjeta' kif tidher sa issa fl-okkju tal-kawża. Ma setgħax isir mod ieħor. Bl-istess raġunament tal-konvenuti, jekk f'kawża isem l-attur erronjament jitniżżel ta' xi ħadd ineżistenti, allura huwa mpossibbli li tintalab korreżżjoni. Il-Qorti ma taqbilx ma tali interpretazzjoni li tistultifika l-iskop tal-artikolu tal-liġi li jippermetti korrezzjonijiet u tibdil fl-isem tal-partijiet.

Dwar jekk il-korrezzjoni mitluba hiex ser teffettwa l-eċċezzjonijiet imressqa li jirreferu għall-iżbal fl-isem tas-soċjeta' attriċi, il-Qorti tqis li meta l-Artikolu 175 jipprovdi korrezzjonijiet, tibdil u sostituzzjonijiet huma permissibbli sakemm ma jbiddlux fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-mertu tal-kawża, huwa aktar minn evidenti illi l-liġi ma hiex qed tirreferi għal eċċezzjonijiet li jirrefu għan-nuqqas li jwassal għal ħtieġa ta' korrezzjoni iżda għal dawk l-eċċezzjonijiet fir-riġward tal-mertu tal-kawża u tas-sustanza tal-azzjoni. Kif rajna bil-korrezzjoni mitluba l-azzjoni ser tibqa' l-istess.

Għalhekk il-Qorti tqis illi jirriżultaw l-estremi ai termini tal-Artikolu 175 tal-Kap. 12 sabiex tawtorizza l-korrezzjoni kif mitlub.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tipprovdi dwar ir-rikors tas-6 ta' Diċembru 2019 billi tilqgħu u tordna l-korrezzjoni kif mitluba fl-okkju u kull fejn fir-rikors promotur jirrikorru.

Bl-ispejjez riżervati għas-sentenza fil-mertu.

**Mogħti kameralment illum 11 ta' Marzu 20220.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**